## KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 28

L-Erbgha, 7 ta’ Awwissu, 2012

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida.

Il-President, Dr. Malcolm Mifsud ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President Dr. Malcolm Mifsud,is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H’Attard, is-Sinj. Annhelica Agius, Vici Sindku Tal-Pieta`, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Etienne Bonello DuPuis, Sindku San Gwann, is-Sinj. Antoinette Vassallo, Sindku Ta’ Xbiex, Dr. John Zammit Montebello, Sindku Hal-Balzan, u s-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai, Vici Sindku Msida.

Is-Sur Horace Anastasi, Sindku Santa Venera, informa li ma setghax jattendi u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 27 li saret nhar l-Erbgha, 25 ta' Lulju, 2012, kienu approvati unanimament.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Uzu ta' Quad Bikes mill-Gwardjani Lokali***

Ir-rata ghall-uzu ta' *quad bike* mill-gwardjani lokali hija ta' €2.00 kull siegha (dik tal-karozzi hija ta' €3.00 kull siegha).

Fuq parir ta' l-*Authorised Officer*, il-Kumitat qabel li juza *quad bike* flok karozza u ghalhekk is-servizz ser isir bi tliet vetturi u *quad bike*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**IL-KUNTRATT MA' DATATRAK**

Kif gie mitlub fl-ahhar seduta, ghad-diskussjoni dwar dan is-suggett, gew mistiedna is-Sur Michael Cohen, President ta' l-AKL, kif ukoll Datatrak li kienu rapprezentati mis-Sinj. Rachael Bailey.

Il-President informa lill-Kumitat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali baghat *e-mail* fejn gie ccarat li wara l-qbil li kien hemm bejn il-LOQUS, l-AKL kif ukoll l-LES Management Committe, id-Dipartiment ma kellux oggezzjoni li jigi ffirmat dan il-kuntratt.

Is-Sur Michael Cohen ta' *overview* ta kif il-process wasal sa dan l-istadju.

Is-Sur Bonello DuPuis talab lis-Sinj. Bailey tispjega il-process kollu li jaghmlu d-Datatrak. Dan gie spjegat mis-Sinj. Bailey.

Is-Sur Joe Camilleri qal li l-kuntratt li kien hemm ma'Datatrak ghalaq u staqsa kif qed jigi permess li jinghata *direct order* ghal kuntratt gdid.

Is-Sur Bonello DuPuis qal li r-Regjun qed johrog eluf kbar ta' flus fosthom lil Datatrak u f'idejh m'ghandu xejn biex jaghmel inizjattivi ohra.

Is-Sur Cohen qal li bil-kuntratt rivedut, ir-Regjun irid jig kreditat minn Datatrak. Huwa fakkar li l-*owner* tas-*software* huwa l-Gvern filwaqt li s-*service provider* huma d-Datatrak.

Is-Sur Bonello DuPuis sostna li huwa inaccettabbli li r-Regjun ma jistghax johrog sejha ghal dan is-servizz.

Is-Sur Cohen qal li Regjun ma jistghax jitlaq ghal rasu f'sistema li hija fuq bazi nazzjonali.

Il-President spjega li huwa impossibli li r-Regjun johrog wahdu sejha ghal *tender* ghal dan is-servizz ghaliex din hija sistema nazzjonali li r-Regjun irid ihaddan. Barra minhekk, mhuwiex *cost-effective* u r-Regjun ikollu johrog ferm aktar flus biex ihaddem is-sistema wahdu.

Is-Sinj. Antoinette Vassallo staqsiet jekk dan il-kuntratt huwiex kontinwazzjoni tal-kuntratt li kien hemm mal-Kumitat Kongunt. Hija qalet li jekk dan huwa kontinwazzjoni, kif jiskadi l-kuntratt, ghandhom jiltaqghu ir-Regjuni u jifthiemu biex tinhareg sejha gdida ghal dan is-servizz.

Is-Sur Peter Bonello qal li l-iskop tar-Regjun huwa li jakkwista aktar ghalih sabiex ikun jista' jaghmel aktar inizjattivi. Ghalhekk ir-Regjun ghandu jiddiskuti ma' Datatrak xi jrid u jara Datatrak jaccettawx.

Dwar dan, is-Sur Bonello DuPuis irrefera ghal *e-mail* li kien baghat lill-President dwar kif u ghalfejn ir-regjun ghandu jesplora modi ohra fis-sistema sabiex jibqalu aktar qliegh.

Is-Sur Cohen qal li d-direzzjoni centrali kienet giet li r-Regjuni kollha ghandhom jimxu b'dan il-mod.

Il-President qal li l-problema li ghandu dan ir-Regjun hija kif se jingabru l-multi pendenti.

Dr. John Zammit Montebello qal huwa difficli anki finanzjarjament li tifred lil min hu l-*owner* tad-data (Kunsilli Lokali) minn min hu l-*owner* tas-sistema(Datatrak).

Wara li gie stabbilit li s-sena ta' skadenza tal-kuntratt originali hija l-2015, il-President, issekondat mis-Sur Stefan Cordina, ressaq mozzjoni sabiex "Il-Kumitat tar-Regjun Centru jawtorizza lill-President u lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jikkonkludu ma' Datatrak, l-LES service contract agreement li hi revizjoni tal-ftehim originali, kif miftiehem waqt il-laqgha ta' llum, liema ftehim se jikkonkludi fl-2015".

Il-mozzjoni giet approvata unanimament.

F'dan l-istadju talbu li jigu skuzati mis-seduta Dr. John Zammit Montebello u Sur Bonello DuPuis.

## *FINANCIAL STATEMENTS* GHALL-PERJODU LI JAGHLAQ 31.12.11

L-A. Segretarju Ezekuttiv pprezenta l-Financial Statements ghall-perjodu li jaghlaq 31 ta' Dicembru, 2011, kif preparati mill-Accountants Nexia BT (Appendici A).

Wara li saret spjega u diskussjoni dwarhom il-President, issekondat mis-Sur Joe Camilleri, ressaq mozzjoni sabiex jigu approvati dawn il-Financial Statements. Il-Kumitat unanimament approva il-Financial Statements ghall-perjodu li jaghlaq 31 ta' Dicembru, 2011.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

***Laqgha mal-Prim Ministru.***

Il-President qal li f'laqgha li l-AKL kellha mal-Prim Ministru, gew infurmati li kienet ittiehdet id-decizjoni li l-*istreet lighting* jigi delegat lir-Regjuni. Izda mhux ir-Regjuni kollha huma preparati ghal dan. Huwa qal li meta din id-delega ssehh, ir-Regjun irid ikun bil-ghaqal kif juza l-flus li se jigu mghoddija lilu mill-Enemalta. Informa wkoll lill-Kumitat li hemm diskussjonijiet ghaddejjin sabiex il-konsum jghaddi wkoll taht ir-responsabbilta` tar-Regjun.

Punt iehor li gie diskuss f'din il-laqgha huwa il-*premises* ghar-Regjun Centrali. Il-President talab lill-membri biex jekk ikunu jafu bi proprjeta` tal-Gvern fil-konfini tar-Regjun u hija *available* biex tintuza ghal dan il-ghan, jinfurmawh sabiex iressaq it-talba ghal dan il-post. Is-Sur Peter Bonello qal li anki proprjeta` privata ghandha tkun ikkunsidrata.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mis-Sur Peter Bonello, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 28. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*. Gie approvat unanimament ukoll il-hlas ta' l-Authorised Officer (TOAD) ghax-xahar ta' Lulju '12 fl-ammont ta' €6,252.11.

**TMIEM**

Fit-3.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Dr. Malcolm Mifsud
President